Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1051/2011

tal-20 ta' Ottubru 2011

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, fir-rigward tal-istruttura tar-rapporti ta' kwalità u t-trażmissjoni tad-dejta

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 276, 21.10.2011, p. 13)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 81/2013 tad-29 ta' Jannar 2013	L 28	1	30.1.2013

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1051/2011

tal-20 ta' Ottubru 2011

li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu, fir-rigward tal-istruttura tar-rapporti ta' kwalità u t-trażmissjoni tad-dejta

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2011 dwar-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 6(4) u 9(2) u (3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 692/2011 stabbilixxa qafas komuni għall-iżvilupp, il-produzzjoni u t-tixrid sistematiċi tal-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu.

(2) Għandu jkun żgurat livell raġonevoli ta' kwalità tal-informazzjoni mxerrda u ż-żamma tas-serji ta' statistika dwar it-turiżmu eżistenti.

(3) Għandhom jiġu stabbiliti l-arranġamenti dwar ir-rapporti tal-kwalità u l-istruttura tar-rapporti, kif ukoll l-arranġamenti prattiċi dwar it-trażmissjoni tad-dejta.

(4) Jixraq li kemm jista' jkun tintuża fis-sħiħ l-istatistika Ewropea dwar it-turiżmu filwaqt li tkun irrispettata l-kunfidenzjalità tar-reġistri tad-dejta individwali.

(5) Ċerta dejta għandha tkun disponibbli għall-Istati Membri biex titkompla l-kopertura statistika tat-turiżmu fil-livell nazzjonali.

(6) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema tal-Istatistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-arranġamenti dwar ir-rapporti tal-kwalità u l-istruttura ta' dawn ir-rapporti għandhom ikunu skont kif inhu stabbilit fl-Anness I.

Artikolu 2

L-istandard tal-iskambju tat-tabelli aggregati għandhom ikunu skont kif inhu stabbilit fl-Anness II.

([1]) ĠU L 192, 22.7.2011, p. 17.

▼B

Artikolu 3

L-istandard tal-iskambju tal-faxxikli tal-mikrodejta għandu jkun kif stabbilit fl-Anness III.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

L-istruttura tar-rapporti tal-kwalità

L-arranġamenti u l-istrutturi għall-forniment tal-metadejta

L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (il-Eurostat) bil-metadejta ta' referenza skont l-Istruttura tal-Metadejta Euro SDMX, kif hemm iddefinit fir-Rakkomandazzjoni 2009/498/KE ([1]) għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-mikrodejta u l-metadejta meħtieġa (li tinkludi dik dwar il-kwalità) skont standard ta' skambju speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat). Il-metadejta għandha tintbagħat lill-Eurostat permezz tal-punt ta' aċċess uniku jew b'mod li l-Kummissjoni (l-Eurostat) jkollha aċċess għaliha b'mezzi elettroniċi.

Il-kontenut tar-rapporti tal-metadejta u tal-kwalità

Ir-rapport għandu jinkludi l-kunċetti li ġejjin u jkopri t-turiżmu intern (l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 692/2011) kif ukoll it-turiżmu nazzjonali (l-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 692/2011):

(1) Ir-*rilevanza*, li tinkludi l-kompletezza kontra l-ħtiġiet tal-utenti biss, u l-kompletezza tad-dejta kontra r-rekwiżiti u rakkomandazzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 2, 3, 4 u 10 tar-Regolament (UE) Nru 692/2011.

(2) L-*akkuratezza*, ukoll l-iżbalji f'dak li għandu jiġi kopert (jiġi wisq kopert jew ma jkunx hemm kopertura biżżejjed), memorja mhux akkurata, żbalji tal-klassifikazzjoni, nuqqas ta' risposta dwar l-oġġett u l-unità (ikklassifikat skont it-tip ta' unità li dwarha ma jkunx hemm risposta), it-rata tat-taxxa tal-imputazzjoni (għat-Taqsima 2 tal-Anness II), żbalji fit-teħid ta' kampjuni u koeffiċjenti tal-varjazzjoni għal sett ta' indikaturi u analiżijiet ewlenin (kif ukoll deskrizzjoni tal-formuli jew l-algoritmi li jkunu ntużaw fil-kalkolu tal-koeffiċjenti tal-varjazzjoni) u reviżjoni tad-dejta (politika, prattika, l-impatt fuq indikaturi ewlenin).

(3) *Li kollox isir f'waqtu*, l-informazzjoni fil-kalendarju għall-proċess ta' produzzjoni sal-pubblikazzjoni tar-riżultati (l-ewwel riżultati, u r-riżultati finali u sħaħ).

(4) *Il-puntwalità*, inkluża dik tal-informazzjoni dwar id-dati tat-trażmissjoni tad-dejta lill-Kummissjoni (Eurostat) mqabblin mal-iskadenzi speċifikati fl-Artikolu 9(4) tar-Regolament (UE) Nru 692/2011 għal kull wasla ta' dejta marbuta mas-sena ta' referenza.

(5) *L-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza*, inkluż għall-informazzjoni dwar il-kalendarju tar-rilaxx tal-pubblikazzjonijiet ewlenin (fuq il-karta u onlajn) marbutin mal-perjodi ta' referenza tas-sena ta' referenza.

(6) *Il-komparabbiltà*, inkluża l-komparabbiltà bejn żoni ġeografiċi, bejn żminijiet differenti (serje interrotta) u bejn oqsma tal-istatistika differenti.

(7) *Il-koerenza*, li tinkludi l-koerenza fil-qasam mad-dejta minn sorsi oħrajn, il-koerenza ma' oqsma oħra tal-istatistika, il-koerenza bejn l-istatistiċi annwali u infra-annwali.

(8) *Spiża u Piż*, inkluża (fejn disponibbli) indikazzjoni kwantitattiva/monetarja u kwalitattiva tal-ispejjeż marbutin mal-ġbir u l-produzzjoni u l-piż fuq dawk li jwieġbu, u deskrizzjoni ta' miżuri reċenti jew ippjanati biex tittejjeb il-kosteffiċjenza u/jew jitnaqqas il-piż minn fuq min iwieġeb.

([1]) ĠU L 168, 30.6.2009, p. 50.

▼B

(9) Metadejta marbuta mal-*preżentazzjoni tal-istatistika* u l-*ipproċessar tal-istatistika*, inkluża l-informazzjoni dwar (fejn ikun relevanti) il-konċetti, id-definizzjonijiet u l-klassifiki użati, is-sorsi użati, il-kwadru ta' popolazzjoni, il-popolazzjoni fil-mira, il-frekwenza tal-ġbir tad-dejta, it-tip ta' stħarriġ u l-metodi tal-ġbir tad-dejta, l-ambitu (u l-limiti tal-ambitu), il-forma u l-metodoloġija tat-teħid tal-kampjuni, il-proċeduri ta' żieda, it-trattament tad-dejta kunfidenzjali u kontroll fuq l-iżvelar tagħha.

▼B

ANNESS II

Tabelli aggregati għat-trażmissjoni tad-dejta elenkata fl-Anness I u fit-Taqsimiet 1 u 3 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 692/2011

L-istruttura tal-fajls u l-kodifikazzjoni

L-Istati Membri għandhom jipprovdu d-dejta mitluba f'dan ir-Regolament skont standard ta' skambju speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat). Id-dejta għandha tintbagħat lill-Eurostat permezz tal-punt ta' aċċess uniku jew b'mod li l-Kummissjoni (l-Eurostat) jkollha aċċess għaliha b'mezzi elettroniċi.

Fejn ikun hemm referenza għall-"identifikaturi", din tkun tirreferi għall-identifikaturi speċifikati mill-Kummissjoni (Eurostat). Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipprovdi dokumentazzjoni dettaljata fir-rigward ta' dawn l-identifikaturi u tipprovdi gwida supplimentari fir-rigward tal-istandard tal-iskambji. Id-dejta li ma tikkonformax mad-dispożizzjonijiet dwar l-istandard tal-iskambju speċifikat mill-Kummissjoni (Eurostat) tkun meqjusa li ma ngħatatx.

Kull sett tad-dejta għandha jkun fiha l-oqsma elenkati f'dan l-Anness.

Intestatura

L-għan tal-intestatura huwa li jidentifika s-serje ta' dejta li ġiet trasmessa u għandha tikkonsisti minn tliet oqsma:

— *Perjodu ta' referenza* li għandu jikkonsisti minn seba' figuri, l-ewwel erbgħa juru s-sena u l-aħħar tlieta juru l-perjodu matul is-sena. Eżempji: 2012A00 (id-dejta annwali għall-2012) jew 2012M01 (dejta tax-xahar għal Jannar 2012).

— *Il-kodiċi tal-pajjiż* għandu jikkonsisti minn żewġ figuri li jirrappreżentaw il-kodiċi tal-pajjiż tal-Istat Membru li jkun qed jittrażmetti d-dejta. Eżempji: BE (il-Belġju), BG (il-Bulgarija), eċċ.

— *Is-suġġett* għandu jikkonsisti minn wieħed minn dawn l-identifikaturi tas-sett tad-dejta li ġejjin:

— **int_cap_annual** turiżmu intern - kapaċità tal-istabbilimenti tal-akkomodazzjoni għat-turisti

id-dejta elenkata fit-Taqsima 1 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 692/2011.

— **int_occ_annual** turiżmu intern – dejta dwar l-okkupazzjoni annwali (inkluża stima għall-istabbilimenti li ma jilħqux l-inqas limitu);

id-dejta elenkata fit-Taqsima 2 A tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 692/2011.

— **int_occ_mnight** turiżmu intern – dejta kull xahar dwar l-iljieli li għamlu t-turisti;

id-dejta elenkata fit-Taqsima 2B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 692/2011.

— **int_occ_marrno** turiżmu intern – id-dejta ta' kull xahar dwar in-numri ta' turisti li jaslu fil-pajjiż u r-rati netti tal-okkupazzjoni;

id-dejta elenkata fit-Taqsima 2B tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 692/2011.

— **int_non_rented** turiżmu intern – id-dejta ta' kull sena dwar l-iljieli li għamlu t-turisti f'akkomodazzjoni mhux mikrija;

▼B

id-dejta elenkata fit-Taqsima 4 tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 692/2011

— **nat_dem_partic** turiżmu nazzjonali – il-parteċipazzjoni fit-turiżmu;

id-dejta elenkata fit-Taqsima 1 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 692/2011

— **nat_dem_sdvout** turiżmu nazzjonali – żjarat ta' ġurnata fejn it-turisti jitilqu dakinhar li jaslu;

id-dejta elenkata fit-Taqsima 3 A tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 692/2011

— **nat_dem_sdvdom** turiżmu nazzjonali – żjarat ta' ġurnata ta' turisti mill-pajjiż stess;

id-dejta elenkata fit-Taqsima 3B tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 692/2011

Dejta

Taħt din l-intestatura jkunu jidhru l-valuri tal-varjanti u l-analiżijiet għal kull sett tad-dejta, u għandu jkun hemm sitt oqsma:

— *Il-Varjabbli* jkun fih l-identifikatur għall-varjant;

— Taħt *Analiżi* jkun hemm l-identifikatur għall-kategorija tal-analiżi jew, fejn relevanti, l-għaqda tal-kategoriji tal-analiżi;

— Taħt *Unità* jkun hemm l-identifikatur għall-unità tal-kejl;

— Taħt *Valur* għandu jkun hemm il-valur ingrossat għall-karatteristika tal-popolazzjoni marbuta mal-varjant u l-analiżi indikati;

— Taħt *Marki* għandu jkun hemm il-marki li jfissru "din id-dejta ġiet iċċekkjata u tista' titqassam", "din id-dejta mhijiex affidabbli u ma għandhiex titqassam għall-użu iżda tista' tingħaqad ma' dejta oħra f'tabelli aggregati ta' livell ogħla" u "dejta soġġetta għal kunfidenzjalità primarja jew sekondarja";

— Taħt *Rimarki* għandhom jiddaħħlu kull osservazzjoni qasira jew xi metadejta marbuta ma' valur partikolari (ir-rimarki jew in-noti tal-qiegħ marbutin mal-varjanti jew mal-analiżijiet għandhom jissemmew taħt Noti).

Noti

Din l-intestatura għandu jkun fiha kull nota ta' spjegazzjoni, nota tal-qiegħ u metadejta, għal kull sett tad-dejta, li jikkonċernaw varjant wieħed jew iżjed minn wieħed, jew analiżijiet jew noti ġenerali dwar is-sett tad-dejta kollu kemm hu, u jkun fiha tliet oqsma:

— *Varjant* ikun fih l-identifikatur għall-varjant li għalih tkun relevanti n-nota;

— Taħt *Analiżi* jkun hemm l-identifikatur għall-kategorija tal-analiżi jew, fejn relevanti, l-għaqda tal-kategoriji tal-analiżi li għalihom tkun relevanti n-nota;

— Taħt *Rimarki* għandhom jiddaħħlu n-noti ħielsa li jistgħu jiġu ppubblikati bħala noti dwar il-metodoloġija jew spjegazzjonijiet addizzjonali biex id-dejta trażmessa tinftiehem aħjar.

▼B

ANNESS III

Fajls tal-mikrodejta għat-trażmissjoni tad-dejta elenkata fit-Taqsima 2 tal-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 692/2011

L-istruttura tal-fajls u l-kodifikazzjoni

Kull vjaġġ osservat għandu jkun irreġistrat individwalment fil-fajl tal-mikrodejta trażmess. Dan il-fajl tal-mikrodejta għandu jiġi ċċekkjat, editjat, u, fejn hemm bżonn, imputat, u għandu jkollu struttura u kodifikazzjoni kif deskritt fit-tabella ta' hawn taħt. Il-Kummissjoni (Eurostat) se tipprovdi aktar struzzjonijiet dwar il-format tat-trażmissjoni.

Id-dejta li ma tirrispettax id-dispożizzjonijiet għall-istandard tal-iskambju stipulati f'dan l-Anness titqies li ma ntbagħtitx.

Kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/kummenti
1/6	000001-999999	**Numru f'sekwenza ta' kull vjaġġ**	
		KARATTERISTIĊI TAL-VJAĠĠ	
7/8		**Xahar tat-tluq**	
	01-24	Numru tax-xahar (Jannar tas-sena ta' referenza = 01, Diċembru tas-sena ta' referenza = 12; Jannar tas-sena kalendarja ta' qabel = 13, Diċembru tas-sena kalendarja ta' qabel = 24)	
9/11		**Dewmien tal-vjaġġ f'numru ta' ljieli**	
	001-366	Numru ta' ljieli (tliet ċifri)	
12/14		**Dewmien tal-vjaġġ: numru ta' ljieli mqattgħin fit-territorju domestiku**	Għal vjaġġi 'l barra biss Varjant trijennali, fis-snin mhux obbligatorji: kodiċi = Vojta
	000-183	Numru ta' ljieli (tliet ċifri)	
15/17		**Pajjiż ewlieni tad-destinazzjoni**	
	001-999	Il-kodiċi skont il-lista tal-pajjiżi fil-manwali metodoloġiku mfassal skont l-Artikolu°10 tar-Regolament 692/2011	
18		**L-għan ewlieni tal-vjaġġ**	
	1	Għan privat/personali: divertiment, rikreazzjoni u vaganzi	
	2	Għan privat/personali: żjarat lill-familji u l-ħbieb	
	3	Għan privat/personali: oħrajn (eż. trattament tas-saħħa, pellegrinaġġ)	
	4	Għan professjonali/kummerċjali	

▼B

Kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/kummenti
19/24		**Tip ta' destinazzjoni**	Il-Kolonnaº18 = [1, 2, 3]; Varjant trijennali, fis-snin mhux obbligatorji: kodiċi = Vojta
19	1	Belt = Iva	
	2	Belt = Le	
	9	Belt = Mhux applikabbli (il-Kolonna 18 = 4)	
20	1	Xatt il-baħar = Iva	
	2	Xatt il-baħar = Le	
	9	Xatt il-baħar = Mhux applikabbli (il-Kolonna 18 = 4)	
21	1	Kampanja (inklużi l-għadajjar, ix-xmajjar, eċċ.) = Iva	
	2	Kampanja (inklużi l-għadajjar, ix-xmajjar, eċċ.) = Le	
	9	Kampanja (inklużi l-għadajjar, ix-xmajjar, eċċ.) = Mhux applikabbli (il-Kolonna 18 = 4)	
22	1	Bastiment tal-krużieri = Iva	
	2	Bastiment tal-krużieri = Le	
	9	Bastiment tal-krużieri = Mhux applikabbli (Kolonna 18 = 4)	
23	1	Muntanji (reġjuni muntanjużi, għoljiet, eċċ.) = Iva	
	2	Muntanji (reġjuni muntanjużi, għoljiet, eċċ.) = Le	
	9	Muntanji (reġjuni muntanjużi, għoljiet, eċċ.) = Mhux applikabbli (il-Kolonna 18 = 4)	
24	1	Oħrajn = Iva	
	2	Oħrajn = Le	
	9	Oħrajn = Mhux applikabbli (il-Kolonna 18 = 4)	
25		**Parteċipazzjoni tat-tfal**	Il-Kolonna 18 = [1, 2, 3]; Varjant trijennali, fis-snin mhux obbligatorji: kodiċi = Vojta
	1	Iva	
	2	Le	
	9	Mhux applikabbli (il-Kolonna 18 = 4)	

▼B

Kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/kummenti
26		**Mezz ewlieni ta' trasport**	
	1	Bl-ajru (servizzi tat-titjira, titjira skedata jew mikrija, jew servizzi tal-ajru oħrajn)	
	2	Bil-baħar jew kanali, jew xmajjar jew fil-lagi (linji tal-passiġġieri u laneċ, kruċieri, dgħajjes tad-divertiment, bastimenti mikrijin, …)	
	3	Ferrovija	
	4	Xarabank, kowċ (skedata jew mhux skedata)	
	5	Vettura bil-mutur (privata jew mikrija)	
	6	Oħrajn (pereżempju bir-rota)	
27		**Mezz ewlieni ta' akkomodazzjoni**	
	1	Akkomodazzjoni mikrija: lukandi u stabbilimenti simili	
	2	Akkomodazzjoni mikrija: siti ta' kampeġġ, parkeġġi tal-karavan jew tat-trejlers (mhux residenzjali)	
	3	Akkomodazzjoni mikrija: akkomodazzjoni oħra mikrija (stabbilimenti għall-kura tas-saħħa, alloġġi taż-żgħażagħ, mollijiet, …)	
	4	Akkomodazzjoni mhux mikrija: villeġġatura privata	
	5	Akkomodazzjoni mhux mikrija: akkomodazzjoni pprovduta mingħajr ħlas minn qraba jew ħbieb	
	6	Akkomodazzjoni mhux mikrija: akkomodazzjoni oħra mhux mikrija	
28		**L-ibbukkjar tal-vjaġġ: użu ta' operatur tal-vjaġġi jew aġenzija tal-ivvjaġġar biex jinkera l-mezz ewlieni tat-trasport**	Varjant trijennali, fis-snin mhux obbligatorji: kodiċi = Vojta

▼B

Kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/kummenti
	1	Iva	
	2	Le	
	9	Ma nafx	
29		**L-ibbukkjar tal-vjaġġ: użu ta' operatur tal-vjaġġi jew aġenzija tal-ivvjaġġar biex jinkera l-mezz ewlieni ta' akkomodazzjoni**	Varjant trijennali, fis-snin mhux obbligatorji: kodiċi = Vojta
	1	Iva	
	2	Le	
	9	Ma nafx	
30		**L-ibbukkjar tal-vjaġġ (indipendenti)**	Varjant trijennali, fis-snin mhux obbligatorji: kodiċi = Vojta Il-Kolonna 28 = 2 u l-Kolonna 29 = 2
	1	Is-servizzi ġew ibbukkjati direttament mingħand il-fornitur tas-servizz	
	2	Ma kien meħtieġ l-ebda bbukkjar	
	9	Mhux applikabbli (il-Kolonna 28 ≠ 2 jew il-Kolonna 29 ≠ 2)	
31		**L-ibbukkjar tal-vjaġġ: Vjaġġ b'kollox inkluż**	Varjant trijennali, fis-snin mhux obbligatorji: kodiċi = Vojta
	1	Iva	
	2	Le	
32		**L-ibbukkjar tal-vjaġġ: ibbukkjar minn fuq l-Internet tal-mezz ewlieni tat-trasport**	Varjant trijennali, fis-snin mhux obbligatorji: kodiċi = Vojta
	1	Iva	
	2	Le	
	9	Ma nafx	
33		**L-ibbukkjar tal-vjaġġ: ibbukkjar minn fuq l-Internet tal-mezz ewlieni ta' akkomodazzjoni**	Varjant trijennali, fis-snin mhux obbligatorji: kodiċi = Vojta
	1	Iva	
	2	Le	
	9	Ma nafx	
34/41		**In-nefqa fuq trasport tat-turist individwali matul il-vjaġġ**	

▼B

Kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/kummenti
	00000000-99999998	Ammont f'euro (tmien ċifri)	
42/49		**L-infiq fl-akkomodazzjoni tat-turist individwali matul il-vjaġġ**	
	00000000-99999998	Ammont f'euro (tmien ċifri)	
50/57		**In-nefqa fuq ikel u xorb fil-ħwienet tal-kafé fir-ristoranti tat-turist individwali matul il-vjaġġ**	Varjant mhux obbligatorju, jekk mhux trażmess kodiċi = Vojta
	00000000-99999998	Ammont f'euro (tmien ċifri)	
58/65		**Infiq ieħor tat-turist individwali matul il-vjaġġ (total ta' nfieq ieħor, inkluż dak fuq oġġetti dewwiema u ta' valur)**	
	00000000-99999998	Ammont f'euro (tmien ċifri)	
66/73		**Oġġetti dewwiema u ta' valur (sottokategorija tal-infiq ieħor tat-turist individwali matul il-vjaġġ)**	
	00000000-99999998	Ammont f'euro (tmien ċifri)	
		IL-PROFIL TAL-VIŻITATUR	
74		**Sess**	
	1	Raġel	
	2	Mara	
75/77		**Età**	
	000-198	Numru ta' snin magħluqa (tliet ċifri)	
78/79		**Pajjiż tar-residenza**	
		Il-kodiċi tal-pajjiż b'żewġ ċifri (il-Belġju = BE, il-Bulgarija = BG, …)	

▼M1

80		**Il-livell edukattiv milħuq**	Varjant mhux obbligatorju, jekk mhux trażmess: kodiċi = Vojta
	1	Mhux aktar minn livell sekondarju baxx (ISCED 2011 livelli 0-2)	

▼M1

Kolonna	Identifikatur	Deskrizzjoni	Filtru/kummenti
	2	Skola sekondarja għolja u post-sekondarja (mhux terzjarja) (ISCED 2011 livelli 3 u 4)	
	3	Terzjarja (ISCED 2011 livelli 5-8	

▼B

81		**Sitwazzjoni tal-impjieg**	Varjant mhux obbligatorju, jekk mhux trażmess kodiċi = Vojta
	1	Impjegat, (impjegat u dak li jaħdem għal rasu)	
	2	Qiegħda	
	3	Student/a (jew tifel/tifla tal-iskola)	
	4	Oħrajn li mhumiex fil-forza tax-xogħol	
82		**Dħul tal-unità domestika fi kwartili**	Varjant mhux obbligatorju, jekk mhux trażmess kodiċi = Vojta
	1	l-ewwel kwartili	
	2	it-tieni kwartili	
	3	it-tielet kwartili	
	4	ir-raba' kwartili	
		FATTUR TAL-INGROSSAR	
83/91		**Il-fattur tal-ingrossar bejn il-kampjun u l-popolazzjoni**	
	000000-999999	Il-Kolonni minn 83 sa 88 fihom numri sħaħ	
	000-999	Il-Kolonni minn 89 sa 91 fihom il-punti deċimali	